MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 80/2007

Joseph Micallef u Dorianne Micallef

vs

Jason u Silvia Zammit

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi:

(1) Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond ossija dar mingħajr numru uffiċjali pero' iġib l-ism 'Jassyl' ġja 'Ta' Martin', fi Triq Kemmuna, Għajnsielem, Għawdex.

(2) Illi l-intimati qegħdin jokkupaw il-fond surreferit illegalment u abbużivament stante t-trasferiment tat-tilolu lill-esponenti permezz tal-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tat-22 ta' Lulju, 2005 tan-Nutar Dottor Andre' Farrugia hawn anness u mmarkat Dok. "A".

(3) Illi l-intimati m'għandhom ebda eċċezzjoni x'jagħtu għat-talbiet attriċi.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:
1. Tordna lill-intimati jiżgombraw mid-dar mingħajr numru uffiċċjali pero' jġin l-isem 'Jassyl' ġja 'Ta' Martin', fi Triq Kemmuna, Għajnsielem, Għawdex.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. In-nullita' tar-rikors billi l-atturi naqsu li jindikaw indirizz fen jistgħu jiġu notifikati bir-risposta kif huma tenuti li jagħmlu skond il-liġi.

2. Illi l-kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Andre' Farrugia tat-22 ta' Lulju 2005, imsemmi fir-rikors promotur huwa affettwat minn simulazjoni u iktar minn hekk frode, għaliex l-esponenti qatt ma biegħu d-dar tar-residenza tagħhom lill-atturi, iżda kellhom f'moħħhom biss li jagħmlu garanzija għal dak li kellu jagħti missieru lill-atturi biex dawn jixtru u jakkwistaw mill-poter ta' terzi l-fond abitgazzjoni ta' missier l-eċċipjenti.

3. Illi fi kwalunkwe każ il-fond de quo huwa residenza personali tal-konvenuti u għalhekk huma qegħdin jokkupawh b'titolu ta' komodat u b'tigolu ta' użu u abitazzjoni skond l-arranġamenti li kien hemm bejn il-kontendenti, anke jekk ma tiġix sostnuta l-ewwel eċċezzjoni.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti li biha, wara li ppremettew illi:

Billi l-kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Andre Farrugia tat-22 ta' Lulju, 2005, huwa simulat u magħmul bi frode għall-interessi tal-konvenuti,

Billi l-konvenuti kellhom f'moħħhom biss li jagħtu garanzija bil-proprjeta' tagħhom għad-dejn li kallu missier l-imsemmi Jason Zammit, Vincent Zammit versu l-attur Joseph Micallef.

Billi minflok kuntratt ta' garanzija ġie redatt kuntratt ta' 'bejgħ u quddiem in-nutar inħareġ cheque ta' ħamsin elf lira maltin (Lm50,000) a favur l-esponenti, iżda mbagħad il-kontendenti Joseph Micallef u Jason Zammit marru flimkien il-bank u meta ssarraf iċ-cheque il-flus reġa ġabarhom l-istess attur Joseph Micallef.

Billi dan in-negozju ġuridiku huwa effett ta' qerq u simulazzjoni da parti tal-attur li inqeda bl-inkredulita' grassa tal-esponenti li baqgħu qat ma ħadu flus tal-bejgħ imsemmi, kif ukoll qatt ma kellhom f'moħħhom illi jbiegħu l-fond ta' residenza tagħhom.

Talbu lill-atturi jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Andre' Farrugia tat-22 ta' Lulju 2005 b'liema suppost li l-konvenuti biegħu lill-atturi l-fond li jġib l-isem "Jassyl" ġia 'Ta' Martin' fi triq Kemmuna, Għajnsielem, Għawdex, inkluż il-garaxx li jinfed għall-istessdar, konfinanti mit-tramuntana mal-imsemmija triq, punent ma' proprjeta' ta' Raymond Grech, u lvant ma' beni ta' Joseph Debattista bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħha kollha, huwa effett ta' qerq u frode adoperati mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti;

2. Tiddikjara li l-istess kuntratt huwa simulat, billi l-konvenuti ma kellhom qatt f'moħħhom li jbiegħu d-dar li huwa l-uniku residenza tagħhom u meta qatt ma rċevew ebda flus ta' dan il-bejgħ.

3. Tordna r-rexissjoni tal-imsemmi att b'dawk il-modalitajiet li jidrilha xierqa.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-atturi għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-atturi għal din il-kontro-talba li biha eċċepew illi:

1. Illi, fl-ewwel lok, in-nullita’ tar-risposta ġuramentata tal-konvenuti u wkoll tal-kontro-talba relattiva u dan peress illi l-istess att ġie intavolat fir-Reġistru ta’ Qorti li ma teżistix.

2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess u għall-eċċezzjonijiet li ser isegwu, il-kuntratt li sar m’huwiex simulat u lanqas ma jista’ jkun simulat peress illi huwa fih innifsu prova tal-kontenut tiegħu.

3. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess u għall-eċċezzjonijiet li ser isegwu u kif ser jirriżulta matul it-trattazzjoni ta’ din il-kawża l-konvenuti kienu jafu x’riedu jagħmlu u ċioe’ li kienu ser ibiegħu l-fond ‘de quo’, kienu ftehmu l-istess mal-atturi u wkoll l-istess ġie mfisser lilhom debitament min-Nutar li ppubblika l-att qabel il-firem.

4. Illi, l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

5. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi b'din il-kawża l-atturi talbu li jiġi ordnat l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond deskritt fir-Rikors, li allegatament huma qegħdin jokkupaw mingħajr ebda titolu validu fil-liġi. Il-konvenuti filwaqt illi jikkontestaw it-talba għar-raġunijiet indikati fir-risposta, permezz tal-kontro-talba tagħhom qegħdin jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ li

permezz tiegħu huma ttrasferew il-proprjeta' indikata fir-Rikors lill-atturi u dana għad-diversi raġunijiet imsemmja fl-istess kontro-talba.

Preliminarjament il-konvenuti eċċepew in-nullita' tar-Rikors billi l-atturi naqsu li jindikaw indirizz fejn jistgħu jiġu notifikati bir-risposta kif huma tenuti li jagħmlu skond il-liġi. Minn eżami tal-proċess jirriżulta pero' illi dan mhux il-każ, billi l-indirizz ta' l-atturi ġie debitament indikat fuq in-naħa ta' wara tal-pagna li tinkludi l-lista tax-xhieda u dik tad-dokumenti.[1] Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk minnufih respinta.

Fil-mertu mbagħad insibu illi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Andre' Farrugia tat-22 ta' Lulju 2005,[2] l-atturi akkwistaw b'titolu ta' bejgħ mingħand il-konvenuti d-dar residenzajli fl-indirizz indikat fl-istess kuntratt, bil-prezz ta' ħamsin elf lira maltija (Lm50,000), b'dan illi l-atturi taw il-kunsens tagħhom lill-konvenuti li jkunu jistgħu jibqgħu jirrisjedu fl-istess fond għal żmien sena mill-kuntratt, imma b'sempliċi tolleranza biss, tant illi hekk kif tiskadi din is-sena dawn kellhom jiżgombraw mill-istess fond. Irriżulta pero' illi minkejja li kienet għaddiet kważi sena oħra mid-data tal-kuntratt, il-konvenuti baqgħu jirrifjutaw li jirrilaxxjaw dan il-fond a libera dispożizzjoni ta' l-atturi. Fost l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-mertu l-konvenuti jikkontendu illi għandhom titoli ta' kommodat u użu u abitazzjoni fuq din id-dar. Imma, apparti l-fatt li l-konvenuti baqgħu qatt ma ressqu ebda tip ta' prova f'dan ir-rigward, jirriżulta mill-istess kuntratt illi kwalunkwe dritt ta' użu u abitazzjoni li seta' kellha l-konvenuta fuq id-dar residenzjali tagħha ġie rinunzjat bil-prokura li kienet tat lil żewġha sabiex jidher għaliha fuq l-istess kuntratt ta' bejgħ.

Minn naħa l-oħra, kif tajjeb issottomettew l-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, l-użu ta' fond għal żmien speċifiku fuq mera tolleranza tas-sid, ma jagħti ebda titolu għax, kif insibu fl-artikolu 526 tal-Kodiċi Ċivili: "**dawk l-atti**

[1] Ara fol. 4 verso tal-proċess .
[2] Dok. A anness mar-Rikors a fol. 6 - 8 tal-process .

**li huma biss fakoltattivi jew li jitħallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistgħux jiswew ta' bażi għall-ksib tal-pussess.**" Hekk ukoll ġie konfermat mill-qrati tagħna meta ntqal illi: "*Huwa prinċipju assodat illi l-attijiet ta' pura tolleranza u kortesija ma jistax, u ma għandhomx, jirridondaw għad-dannu ta' min għamel il-konċessjoni. Jew li l-persuna li lilha saret tali konċessjoni, għax hekk favorita mill-kortesija ta' ħaddieħor, tapprofitta ruħha u tippretendi li tista' tavanta drittijiet proprji fuq il-ħaġa mogħtija in użu b'dik l-istess tolleranza*…" [3]

Apparti dawn it-titoli mhux ippruvati, l-konvenuti eċċepew ukoll li l-kuntratt *de quo* kien affettwat minn simulazzjoni u frodi, għaliex jikkontendu li huma qatt ma biegħu d-dar tar-residenza tagħhom lill-atturi, iżda kellhom f'moħħhom biss li jagħħtu garanzija għal dak li kellu jagħti missier il-konvenut lill-atturi, biex dawn jixtru mill-poter ta' terzi id-dar tiegħu. Infatti in sostenn ta' din l-allegazzjoni tagħhom huma għamlu t-talbiet rikonvenzjonali tagħhom, li permezz tagħhom talbu li tiġi ordnata r-rexxissjoni ta' dan il-kuntratt għall-istess raġunijiet. Jekk allura tintlaqa' din it-talba ghar-rexxissjoni ta' dan il-kuntratt, ma jibqa' ebda obbligu da parti tal-konvenuti li jiżgombraw mid-dar residenzjali tagħhom, kif kienu ntrabtu li jagħmlu bl-istess kuntratt.

Insibu fil-liġi tagħna illi : "**Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni." [4]**

Din l-azzjoni ġiet imfissra fid-dottrina legali bil-mod segwenti: " *L'azione di nullita' o rescessione e' il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendo l'annullamento, o rescissione che dir si voglia. E' un rimedio, che ha per necessario presupposti uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro*

---

[3] Appell Inferjuri : Mario Cuschieri et. vs Angelo Cilia : 12.01.2005 ; ara wkoll Appell: Maria Caruana vs Benedict Spiteri et. : 24.03.2004, u vol. XXXIV. i. 92 .
[4] art. 1212 kap. 16 .

*mezzo, con cui s'impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo."* [5]

Sabiex tirnexxi kawża bħal din iridu jikkonkorru tliet kundizzjonijiet: "*Affinche l'azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni: (a) che l'obbligazione sia invalida; (b) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene; (c) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva."* [6]

Ingħad dwar l-ewwel rekwiżit illi: "…*l'azione rescissoria e' la sanzione dell'incapacita' legale a obbligarsi per contratto,dei vizii di consenso e della lesione*."[7] Fil-każ in eżami il-konvenuti bbażaw it-talba tagħhom għar-rexxissjoni fuq (i) is-**simulazzjoni,** bħala vizzju tal-kunsens tagħhom, u (ii) il-**frodi** jew il-qerq fl-atturi, bħala l-kontraenti l-oħra fuq dan il-kuntratt .

**Dwar l-ewwel raġuni għar-rexxissjoni**: Jingħad qabel xejn illi din il-premessa u ċioe' dik tas-simulazzjoni, mhix raġuni valida għar-rexxissjoni tal-kuntratt, għax tippresupponi l-ineżistenza ta' kuntratt, mentri fir-rexxissjoni, kif għadna kemm rajna, għandna kuntratt li sakemm ma jiġix dikjarat null, jibqa' validu. Is-simulazzjoni tippresumi l-ineżistenza tal-kuntratt ***ab initio****.* "*Un atto giuridico dicesi simulato, quando siavi contradizione deliberata tra la volonta' di chi lo compie e l'esterna manifestazione di essa; e simulazione dicesi il vizio onde il negotium juris e' affetto. Quando altro si dice ed altro si vuole, si ha una manifestazione senza volonta' ed una volonta' senza manifestazione; onde ne' l'una ne' l'altra puo' costituire il negozio giuridico… Percio' nella simulazione non vi ha che l'apparenza di un atto, il quale*

---

[5] Giorgio Giorgi: Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246 .
[6] ibid.. para. 149 pag. 251 .
[7] ibid. para 150 pag. 251 .

***in realta' non esiste come tale**: non vi ha che una volonta' apparente ma non reale, o che per lo meno non e' quella manifestata."* [8] Dan għal dak li jirrigwarda s-simulazzjoni assoluta. Jekk imbagħad ikun hemm simulazzjoni relattiva, l-konsegwenza tkun li jiġi dikjarat x'inhu l-veru kuntratt intenzjonat bejn il-partijiet.[9] Imma din is-soluzzjoni ma tidhrix li hija applikabbli fil-każ in eżami, billi l-konvenuti mhux qed jallegaw dan it-tip ta' simulazzjoni. Anzi huma jsostnu addirittura li ġew ingannati mill-atturi biex jagħmlu kuntratt ta' bejgħ meta l-intenzjoni proprja tagħhom kienet biss li jagħtu garanzija għad-djun ta' missier il-konvenut. Imma din l-allegazzjoni tal-konvenuti fiha nnifisha tikkontradiċi l-pretensjoni ta' l-istess konvenuti li seta' kien hemm xi simulazzjoni, billi, kif ġia rajna, ftehim bħal dan jippresupponi illi ż-żewġ naħat għall-kuntratt ikunu qegħdin jaqblu bejniethom dwar dak li jkunu qed jagħmlu u l-ingann ikun biss fil-konfront ta' terzi u mhux kif qed jiġi allegat fil-każ tagħna, kontra l-konvenuti stess. Għalhekk, sa fejn it-talba għar-rexxissjoni hija bbażata fuq il-premessa tas-simulazzjoni, anke għal din ir-raġuni ta' inkompatibilita' ma' dik tal-frodi, qed tiġi minnufih miċħuda, mingħajr ebda indaġini ulterjuri.

**Dwar it-tieni raġuni għar-rexxissjoni:** Jibqa' għalhekk li jiġi eżaminat jekk hux il-każ li dan il-kuntratt jiġi annullat minħabba ir-raġuni l-oħra msemmija mill-konvenuti, u ċioe' d-**dolo** .

Il-liġi tagħna tfisser illi: "**L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta. L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt imma għandu jiġi pruvat**." [10] Skond id-dottrina, sabiex jista' jingħad li jeżisti dan id-*dolo* iridu jikkonkorru erba' kundizzjonijiet, u ċioe':

---

[8] Digesto Italiano : vol. XXI. pte. 3 pag. 411 per Luigi Cagnetta ; ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza : 224/1996 fl-ismijiet Maria Pace vs Carmelo Grima et. deciza fil-5.10.2005

[9] Esther Pace et vs Mary Lauri et. : 12.10.50 ; Appell : Francesca Seychell et vs Antonio Seychell : 27.3.36 .

[10] art. 981 kap. 16 .

*(i)* **intenzione di nuocere** : *A costituire il dolo nel senso di macchinazione o raggiro non basta la coscienza di nuocere, ma si richiede la volonta' diretta a nuocere;*

*(ii)* **gravita' dei raggiri o artifizi fraudolenti** *: gli artifizi e i raggiri debbono essere di tal natura, da fare impressione sopra una persona sensata;*

*(iii)* **il dolo deve essere causa del contratto**, u ċioe' *quando i raggiri usati da uno dei contraenti sono stati tali,che l'altro senza di essi non avrebbe contrattato;*

*(iv)* **i raggiri dolosi debbono essere stati opera dell'altro contrente**. [11]

Il-konvenuti qegħdin jallegaw li ġew ingannati biex jidħlu għall-kuntratt in kontestazzjoni meta huma dejjem kellhom f'mogħhom li jagħmlu biss kuntratt ta' garanzija biex jagħmlu tajjeb għad-dejn ta' missier il-konvenut. Il-konvenuta li bl-ebda mod ma pparteċipat direttament f'dan in-negozju, billi kull ma għamlet kien illi tat prokura lil żewġha biex jidher fuq il-kuntratt,[12] ma kienet fl-ebda pożizzjoni li tagħti xi spjegazzjoni dwar dak li ġara, u fil-fatt baqgħet qatt ma tressqet biex tagħti l-verżjoni tagħha. Il-konvenut li jrid jingħad mill-ewwel, bħal missieru li xehed warajh, xejn ma kien ċar u inekwivoku f'dak li qal, spjega iċ-ċirkostanzi li wassluh biex jikkontratta ma' l-atturi. Minn dak li setgħet tifhem din il-Qorti, jidher illi Vincent Zammit, missier il-konvenut, dik il-ħabta kien qed jiġi żgumbrat mid-dar residenzjali tiegħu in segwitu għal mandat ta' żgumbrament maħruġ minn din il-Qorti fuq talba ta' terzi li kienu għadhom kemm akkwistaw id-dar tiegħu. Jidher illi biex jiġi evitat dan l-iżgumbrament instabu l-atturi, li kienu ppreparati jixtru huma d-dar ta' missier il-konvenut mingħand dawn it-terzi, biex imbagħad Vincent Zammit jingħata l-opportunita' isib il-fondi biex jerġa' jakkwista d-dar tiegħu mingħand l-atturi. Il-konvenut u missieru jsostnu illi l-kuntratt li kellu jsir bejn l-atturi u l-konvenuti

[11] op. cit. para. 95 – 104 .
[12] ara prokura relattiva, li kopja taghha giet esebita bhala Dok. JM 1 a fol. 99 tal-process .

kellu jkun wieħed ta' garanzija biss, u dana sakemm Vincent Zammit jerġa' jirriakkwista d-dar tiegħu. Sadanittant ma taw l-ebda spjegazzjoni għaliex, minkejja li jammettu illi n-nutar kif kien dover tiegħu, qralhom il-kuntratt, li għalih kien preżenti wkoll missier il-konvenut, u dan qabel ma ġie iffirmat mill-kontraenti, il-konvenut xorta waħda aċċetta li jiffirma, meta kien jidher ċar illi dak li kien qed isir kien kuntratt ta' bejgħ u mhux ta' garanzija. Il-konvenut jallega wkoll illi tant ma kellu jsir ebda bejgħ illi huwa qatt ma daħħal ebda flus min din it-transazzjoni, u ċ-*cheque* li l-attur taħ fuq il-kuntratt kellu jerġa' jirritornah immedjatament wara lill-istess attur, li ddepożitah f'kont tiegħu f'xi fergħa ta' Bank li pero' huwa ma kienx kapaċi jidentifika.

Minn naħa l-oħra l-konvenut stess ammetta in kontro-eżami illi huwa f'xi żmien kien iffirma skrittura ta' debitu ma' l-attur għas-somma ta' ħamsin elf lira (Lm50,000),[13] proprju l-istess ċifra indikata bħala l-prezz tal-bejgħ tad-dar tal-konvenuti, u allura dan jispjega l-fatt għaliex il-konvenut ma daħħal ebda flus minn dan il-bejgħ, billi jidher illi l-bejgħ kellu jkun it-tpaċija għal dan id-dejn. Madankollu jirriżulta illi l-atturi xorta waħda riedu jagħtu l-opportunita' lill-konvenuti li jerġgħu jieħdu id-dar tagħhom lura, kemm-il darba jirnexxilhom iħallsu d-dejn tagħhom fi żmien stipulat. Kif jispjega l-attur fl-affidavit tiegħu,[14] kien appuntu għalhekk illi fl-istess okkażżjoni tal-kuntratt, ġie iffirmat konvenju fejn l-atturi intrabtu li jerġgħu ibiegħu lura lill-konvenuti l-istess dar fi żmien sena,[15] u dan b'żieda mal-kunsens li kienu ġia tawhom fuq il-kuntratt ta' bejgħ biex jibqgħu jirrisjedu fid-dar tagħhom għall-istess perijodu. Il-konvenuti pero' baqgħu qatt ma għamlu xejn biex jerġgħu jakkwistaw id-dar tagħhom bis-saħħa ta' dan il-konvenju. Dan kollu ġie wkoll korroborat minn Pierre Buontempo, li jidher li kien is-sensal li wassal il-partijiet għal dan il-bejgħ, u li kien preżenti għall-kuntratt.[16]

---

[13] ara xhieda tieghu a fol. 41 tal-process .
[14] esebit bhala Dok. JM a fol. 95 tal-process .
[15] ara kopja tal-konvenju relattiv esebit bhala Dok. X a fol. 100 tal-process .
[16] ara affidavit tieghu esbeit bhala Dok.PB a fol.101-102 tal-process

F'tali ċirkostanzi ma jirriżulta illi kien hemm ebda ingann f'dak li sar. Għaldaqstant u peress li l-konvenuti ma rnexxielhomx iressqu provi sodisfaċenti li setgħu iwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi illi verament seta' kien hemm xi frodi fl-għoti tal-kunsens tagħhom għall-kuntratt in kontestazzjoni, il-talba għar-rexxissjoni ta' dan il-kuntratt fuq l-allegazzjoni ta' l-ingann, l-anqas ma tista' tirnexxi.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi:

(i) fir-rigward tar-Rikors ta' l-atturi, billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attriċi u tordna lill-konvenuti sabiex żmien xahrejn mil-lum jiżgumbraw mid-dar mingħajr numru uffiċċjali, li ġġib l-isem 'Jassyl', ġia ta' Martin, fi Triq Kemmuna, Għajnsielem, Għawdex, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti; u

***(ii)*** fir-rigward tal-kontro-talba billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-atturi, tiċħad it-talbiet tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom ukoll.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------